MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-27 ta' April, 2013

Numru 61/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**John Borg**

**Illum, 27 t'April, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 61 tas-sena 2010 kontra l-akkuzat John Borg [detentur tal-karta tal-identita numru 375270 (M)] li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fis-sena elfejn u seba' (2007) u fix-xhur ta' qabel, ġewwa Marsascala u f'diversi bnadi fil-Gżejjer Maltin, A u B, flimkien mat-tifla tagħhom C (data tat-twelid tagħha omissis) u t-tifel tagħhom (hawhekk aktar 'l quddiem imsejjħa l-familja AB), marru jgħixu ġewwa flat f'Marsascala fil-viċinanzi ta' oħt B, ċerta D u r-raġel tagħha l-akkużat John Borg (hawhekk aktar 'l quddiem imsejjħa l-familja Borg) u t-tifel tagħhom. L-akkużat John

Borg jiġi z-ziju ta’ C biż-żwieġ sat-tielet grad u dan għax miżżewweġ lil oħt B – li tiġi omm l-imsemmija C.

Il-familja AB u l-familja Borg kienu viċin ħafna ta’ xulxin, tant li kienu joħorġu ta’ spiss flimkien u C kienet sikwit tmur torqod għand il-familja Borg – u ċioe` fil-kamra tas-sodda tat-tifel tal-familja Borg, li allura kien jorqod fil-kamra tas-sodda mal-ġenituri tiegħu. C kienet tmur torqod waħedha għand il-familja Borg u l-ġenituri tagħha kienu jibqgħu d-dar tagħhom.

Darba minnhom, filwaqt li C kienet rieqda għand iz-zijiet tagħha Borg, l-akkużat John Borg daħal fil-kamra tas-sodda ta’ fejn kienet rieqda u wara li qajjimha, kellu konġunġament karnali ma’ C kontra l-volontà tagħha. C, li dak iż-żmien kellha biss ħdax-il sena, ftit li xejn setgħet toffri reżistenza.

Din l-istorja, bl-istess ċirkostanzi, irrepetiet ruħha darba’ oħra biex b’hekk, l-akkużat John Borg kellu konġunġament karnali vjolenti u kontra r-rieda ta’ C darbtejn fil-kamra tas-sodda tat-tifel tal-familja Borg.

Illi b’għemilu, l-imsemmi John Borg sar ħati ta’ stupru vjolenti aggravat, u cioè talli, b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda, ikkommetta stupru vjolenti fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, b’dan li d-delitt sar fuq persuna taħt l-età ta’ tnax-il sena u li d-delitt sar minn axxendent, tutur, jew istitur fuq persuna taħt l-età ta’ tmintax-il sena kif ukoll li d-delitt sar fuq il-persuna oħra li jiġu minn xulxin mid-demm jew biż-żwieġ sat-tielet grad inkluživament.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill-imsemmi John Borg ħati talli b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda, ikkommetta stupru vjolenti fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor; b’dan li d-delitt sar fuq persuna taħt l-età ta’ tnax-il sena u li d-delitt sar minn axxendent, tutur, jew istitur fuq persuna taħt l-età ta’

tmintax-il sena kif ukoll li d-delitt sar fuq il-persuna oħra li jiġu minn xulxin mid-demm jew biż-żwieġ sat-tielet grad inkluživament; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn erba' snin sa tletin sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 18, 198, 201(a), 202(b)(h)(vii) u 533 tal-Kodici Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiż-żmien u ċ-ċirkostanzi indikati fl-Ewwel Kap ta' dan l-Att ta' Akkuża, u ċioe' fis-sena 2007 u fix-xhur ta' qabel, ġewwa Marsascala u f'diversi bnadi fil-Gżejjer Maltin, il-familja AB għamlet perjodu qasir tirrisjedi fi flat viċin ħafna tar-residenza tal-familja Borg.  Darba minnhom, l-akkużat John Borg talab lil C (data tat-twelid tagħha omissis) biex tmur sar-residenza tiegħu biex toqgħod tarah jilgħab bil-*play station*. Wara ftit ħin li kienet waslet, l-akkużat John Borg waqaf jilgħab bil-*play station* u qabad lin-neputija tiegħu C u tefagħha fuq sodda fid-dar tiegħu. Hemmhekk, l-akkużat John Borg kixef il-parti privata tiegħu u kkorrompa lill-minuri b'diversi atti żienja, fosthom billi mmasturba fil-preżenza ta' C u dan apparti l-kongungiment karnali ripetut fl-istess residenza tiegħu. Illi n-neputija tiegħu C kienet sikwit torqod fir-residenza tal-familja Borg u l-ġenituri tagħha kienu jafdaw lill-istess C lill-akkużat John Borg, fost l-oħrajn, sabiex iżommha għandu għal dawk l-iljieli.

Din ma kienitx l-unika darba li l-akkużat John Borg ikkorrompa lill-minuri C b'diversi atti żienja u billi mmasturba quddiemha fir-residenza tiegħu. F'okkażjonijiet minnhom saħansitra kien imissilha sidirha waqt li qed jimmasturba. Darba minnhom, saħansitra qal lil C li sidirha huwa isbaħ minn taz-zija tagħha. Fi drabi oħra, l-akkużat John Borg kien iġgħiehel lil C timmasturbaħ u drabi minnhom saħansitra eġakula fuq żaqqha.

Minħabba l-fatt li l-familja Borg u l-familja AB kienu viċin ħafna ta' xulxin, huma kienu ta' spiss joħorġu flimkien u ġieli kienu jmorru jagħmlu xi *pic nic* fl-inħawi ta'

Pembroke. Darba minnhom, waqt li l-familji kienu qegħdin flimkien, l-akkużat John Borg qabad lil C u ħadha ftit fl-imwarrab, fejn ma seta' jarahom ħadd mill-familja, u hemmhekk ġiegħla tagħmel sess orali mal-parti privata tiegħu u dan billi imbuttala rasha 'l isfel.

Darba oħra, waqt li kienu qegħdin jisimgħu il-Quddies ġewwa l-knisja taż-Żejtun, l-akkużat John Borg qabad lil C u baqa' ħiereġ biha wara t-Tqarbin Imqaddes, u ħadha fil-garaxx ta' missier l-akkużat Borg u hemmhekk kien ġiegħelha tagħmillu sess orali.

Illi b'għemilu, l-imsemmi John Borg sar ħati ta' korruzzjoni aggravata ta' tifla ta' taħt l-età, u ċioe` talli b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'egħmil żieni kkorrompa persuna ta' taħt l-età, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor; b'dan li d-delitt sar bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx l-età ta' tnax-il sena, inkella bi vjolenza, u li sar minn axxendent, mid-demm jew bi żwieġ, jew mill-missier jew l-omm adottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn ħaddieħor li lilu, imqar jekk għal xi żmien, ikun ġie fdat il-minuri sabiex jieħu ħsiebu, jedukah, jgħallmu, jindukrah jew iżommu.

Ghaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill-imsemmi John Borg ħati talli kkommetta korruzzjoni aggravata ta' tifla ta' taħt l-età, u ċioe' talli b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'egħmil żieni kkorrompa persuna ta' taħt l-età, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor; b'dan li d-delitt sar bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx l-età ta' tnax-il sena, inkella bi vjolenza, u li sar minn axxendent, mid-demm jew bi żwieġ, jew mill-missier jew l-omm adottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn ħaddieħor li lilu, imqar jekk għal xi żmien, ikun ġie fdat il-minuri sabiex jieħu ħsiebu, jedukah, jgħallmu, jindukrah jew iżommu; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn tlett snin sa tnax-il sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 18, 203(1)(a)(ċ) u

533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fiż-żmien u ċ-ċirkostanzi indikati fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att ta' Akkuża, u ċioe` fis-sena 2007 u fix-xhur ta' qabel ġewwa Marsascala u f'diversi bnadi fil-Gżejjer Maltin, l-akkużat John Borg, kien iżomm bil-forza lill-minuri C u ma kienx iħalliha tmur fejn trid hi u dan fl-istess moment li huwa kien ripettutivament qiegħed jistupraha bil-vjolenza jew ripettutivament jikkorrompiha.

Illi l-akkużat John Borg fl-ebda moment ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni minn xi awtorita` pubblika jew kompetenti u ma kienx xort'oħra awtorizzat biex iżomm lil C kontra r-rieda tagħha u tali għemil lanqas ma kien permessibbli minn xi dispożizzjoni tal-liġi

Illi b'għemilu, l-imsemmi John Borg sar ħati ta' arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-liġi, u ċioe` talli b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, b'dan illi id-delitt ikun sar bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess ta' dik il-persuna;

Ghaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill-imsemmi John Borg ħati ta' arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-liġi, u ċioe` talli b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, b'dan illi id-delitt ikun sar bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-

mistħija tas-sess ta' dik il-persuna; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa' ħames snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 18, 86, 87(1)(g) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih, bi tmien (8) voti favur, u b'vot wiehed (1) kontra jsibu lil akkuzat John Borg hati tal-Ewwel Kap ta' l-Att tal-Akkuza u unanimament sabuh hati tat-Tieni u t-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza.

Tiddikjara lil John Borg hati talli

1. fis-sena elfejn u seba' (2007) u fix-xhur ta' qabel, ġewwa Marsascala u f'diversi bnadi fil-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ikkommetta stupru vjolenti fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor; b'dan li d-delitt sar fuq persuna taħt l-età ta' tnax-il sena u li d-delitt sar minn axxendent, tutur, jew istitur fuq persuna taħt l-età ta' tmintax-il sena kif ukoll li d-delitt sar fuq il-persuna oħra li jiġu minn xulxin mid-demm jew biż-żwieġ sat-tielet grad inklużivament, u dana skont l-Ewwel Kap ta' l-Att tal-Akkuza;
2. fis-sena elfejn u seba' (2007) u fix-xhur ta' qabel, ġewwa Marsascala, kkommetta korruzzjoni aggravata ta' tifla ta' taħt l-età, u ċioe' talli b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'egħmil żieni kkorrompa persuna ta' taħt l-età, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor; b'dan li d-delitt sar bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx l-età ta' tnax-il sena, inkella bi vjolenza, u li sar minn axxendent, mid-demm jew bi żwieġ, jew mill-missier jew l-omm adottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn ħaddieħor li lilu, imqar jekk għal xi żmien, ikun ġie fdat il-minuri sabiex jieħu ħsiebu, jedukaħ, jgħallmu, jindukrah jew iżommu, u dana skont it-Tieni Kap ta' l-Att tal-Akkuza;

3. fis-sena 2007 u fix-xhur ta’ qabel ġewwa Marsascala u f’diversi bnadi fil-Gżejjer Maltin, b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda, bla ordni skond il-liġi ta’ l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, b’dan illi id-delitt ikun sar bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess ta’ dik il-persuna, u dana skont it-Tielet Kap ta’ l-Att tal-Akkuza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.

Qieset is-sottomissjonijiet rigward piena tal-abbli difensur **Dr. Simon Micallef Stafrace**, li jinsabu kollha registrati u jistghu jigu verifikati mat-traskrizzjoni tal-istess.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur **Dr. Elaine Mercieca Rizzo**, li jinsabu kollha registrati u jistghu jigu verifikati mat-traskrizzjoni tal-istess.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 86, 87(1)(g), 198, 201(a), 202(b)(h)(vii), 203(1)(a)(c) tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lil hati John Borg ghall-perjodu komplessiv ta’ hmistax (15) il-sena prigunerija.

Tordna li jinhareg Protection Order fl-isfond tal-artikolu 382A tal-Kap. 9 ghal tlett snin wara li l-hati jkun skonta t-terminu ta’ prigunerija favur C.

Tordna li l-isem tal-hati jkun inkluz fil-lista ta’ pedofoli ai termini tal-Kap. 518 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-ahhar tordna l-konfiska tad-DVD player esebit f’dawn l-atti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------